# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 45

**26 ta’ Mejju 2022**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar il-Ħamis 26 ta’ Mejju 2022 fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |
| Joline Attard - | Kunsillier |

**ASSENTI B’APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 45 għad-disa’ leġislatura

| | |
|---|---|
| **45.1** | **Qari tal-ittri ta’ apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm |
| **45.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 45.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 44, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta’ imejl u ġew approvati mill- kunsilliera s-Sinj. Corinne Buhagiar u ġew issekondti mill-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| **45.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 45.03.01 | Is-Sindku ressaq ilment minn għand residenta Maria Zammit fi Triq Sant Anna li qed jipparkjaw fuq il-bankina għalhekk talbet li ssir tabella sabiex it-triq ma tiġix ostakolata. Il-kunsilliera qablu li s-sindku għandu jagħmel appuntament ma din il-persuna sabiex ifehma is-sitwazzjoni tat-traffiku bħal issa. |
| 45.03.02 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li fi Triq Sant Anġlu kantuniera ma Triq is-Sur kien hemm bollards għalhekk għandhom jerġu jitwaħħlu. |
| 45.03.03 | Is-Sindku ressaq ilment minn għand is-Sur Duca dwar ħajt biex jitbaxxa minn Triq l-Arkati għaliex minnikun nieżel. Minn Triq l-Arkati tiġi blind corner, il-ħajt ma jistax jitneħħa minħabb sigurta u ser issir mera sabiex is-sewwieq ikun jista jara minn ġej minn naħa tal-ponta. |
| 45.03.04 | Is-Sindku informa li s-sinjura Mc Kay talbet li issir parkeġġ tal-muturi fi Triq il-kurċifiss, is-sindku ser jitlob permess minn għand TM u l-kunsill jikkomunika mas-Sur Andrew Haig. |
| 45.03.05 | Is-Sindku ressaq ilment minn għand resident li joqgħod fi Triq iż-Żewġ Mini in-naħa ta’ San Filippu fejn il-karozzi qed jipparkjaw uq il-bankina u jagħlqu l-bieb tar-resident fejn dan ma jkunx jista’ jidħol jew joħroġ, għalhekk ser issir talba lil TM sabiex issiru bollards. |
| 45.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsillierali li parkeġġi għal-attivitajiet tal-Maċina jingħtaw tlieta biss bħal ma kienu dejjem iżda mal-permess ser ingħataw ukoll site map fejn irridu jitwaħħlu t-tabelli ta’ No Parking u fuq it-tabella jkun hemm in-numru 3 li jfisser li 3 biss ingħataw mill-kunsill. |

| | |
|---|---|
| 45.03.07 | Is-Sindku ressaq imejl fejn kien hemm it-talba għall użu tal-Gardjola sabiex tiġi organiżżata l-esebizzjoni tas-Sea Planes fl-1 u 2 t' Ottubru 2022 |
| 45.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv kien hemm laqgħa mas-Sinj. Isabelle Warrington sabiex jinħoloq sotto kumitat biex ikun hemm volontiera li jieħdu ħsieb is-siġar u pjanti u fejn ikun hemm bżonn jiżdiedu aktar pjanti jitnaddfu u jissaqaw u jsir tindif triq , triq speċjalment fit-toroq tal-ġnub. |
| 45.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser issir attivita fil-Gardjola ta' Flamenco Festival fuq jumejn il-Ġimgħa 18 u s-Sibt 19 ta' Ġunju 2022. Is-Sur Aleandro ser iħallas 600 ewro sabiex ikun jista juża il-Ġnien u jsir dan il-festival b'kollaborazzjoni mal-kunsill. |
| 45.03.10 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li l-filming mill-kumpanija Marengo ma sarx ġewwa l-Isla iżda xorta waħda il-kumpanija tat donazzjoni ta' 3500 ewro lil kunsill minħabba li xorta waħda il-kunsill ħa ħsieb tax-xogħol amministrattiv u komunikazzjonijiet kollha li kien hemm bżonn u l-film tħassar fl-aħħar ġurnata. |
| 45.03.11 | Is-Sindku u is-Segretarju Eżekuttiv ressqu it-talba li rċieva l-kunsill minn għand Is-Sur Matthew Dimech sabiex issir kontenitur li jinġabru l-flixken tal-plastic u lin-nies tingħatalhom voucher ta kemm jiġbru flixken tal-plastik li jisarrfu minn għand il-ħwienet. Din ser tkun mammra b'cctv cameras ukoll. Hemm il-ħsieb li din tibda topera minn Ottubru. Il-Kunsilliera qablu li dan il-kontenitur għandu jsir fejn il-grawnd. |
| 45.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li t-talba sabiex l-open gym jiġi imsemmi għal Ġorġ Dingli u t-tela' ta' fejn Boiler Wharf tiġi imsemiija għal Żaren Mifsud intlaqgħu u ġew ikkonfermati, il-kunsill ikkollu aktar dettalji tal-proċeduri iktar tard. |
| 45.03.13 | Is-Sindku ressaq l-imejl sabiex jingħataw parkeġġi taħt il-Gardjola għal Racing Boats fil-25 ta' Ġunju 2022. Il-Kunsilliera qablu ma dan. |
| 45.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li fit-30 ta' Mejju 2022 il-Gardjola ser tintuża mill-Għaqda tar-regatta. |
| 45.03.15 | Is-Sindku ressaq l-imejl mid-dipartiment lokali fejn it-talba għal-fondi sabiex jiġu irranġati id-dwal tax-xatt bl-iskema SPI/SCI 7 / 2021 ma ġietx milqugħa għaliex meta il-periti tal-gvern għamlu l-kjarifiki għat-talba tal-fondi għad-dawl il-BOQ ma qablietx ma tl-BOQ ta' talba ta' qabel li minn 78000 euros telgħat għall- 150 000 ewro fejn dinil-BOQ |

| | |
|---|---|
| | qabżet l-ammont tal-fondi u l-perit ma iffermax il-BOQ. Is-Sindku ma aċċetax dan ir-riżultat u ried li jkollu spjegazzjoni u jiltaqa l-bord mal-periti iżda ma kellux risposta għalhekk bagħat imejl lil ministri kollha u kif baqa ma rċivix risposta bagħat fuq FB u id-direttur irrisponditu u spjegat lis-sindku li l-fondi li talab il-kunsill tal-Isla lanqas għal lokalitiajiet kollha ma kien hemm biżżejjed. |
| 45.03.16 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellu laqgħa mas-segretarju tal-ministru Aaron Farugia sabiex il-kunsill tal-Isla jkun jista' juża parti mill-parkeġġ ta' Boiler Wharf, minħabba li x-xatt qed ikun hemm problema kbira li l-bowsers jgħaddu mix-xatt u jkun hemm konġezzjoni kbira ta' traffiku, għalhekk is-segretarju tal-Ministru iltaqa' għall-ewwel darba mas-Sur Simon Zammit tal-Palombo. Is-Sindku flimkien mas-segretarju kellhom laqgħa oħra mad-direttur is-Sur Jesmond Grima u l-assistent direttur is-Sur Pavlos Buhagiar sabiex ikun jista jinħoloq kompromess għall użu ta' dan il-parkeġġ. Is-Sur Pavlos Buhagiar ta' l-kuntatti kollha tal-kumpanija li jużaw boiler wharf lis-segretarju eżekuttiv sabiex issir laqgħa ma kull entita' biex kulħadd ikun fuq l-istess binarju sabiex il-kunsill tal-Isla jkun jista juża dan il-parkeġġ għaliex id-direttur ta' Boiler Wharf ma kienx jaf b'dan il-komunikat. Is-Sur Jemond Grima ma jsib l-ebda oġġezzjoni li l-parkeġġ ta' Boiler Wharf jintuża mir-residenti tal-Isla iżda għandu bżonn żewġ securities għax m'għandux ħaddiema biżżejjed. Kif ukoll irrid jiġi restawrat is-Sur li jgħati għan naħa ta' Boiler Wharf għaliex id-direttur ma jridx li jkun hemm periklu għall min juża il-parkeġġ. Jekk dan il-ftehim jintlaħaq il-Palombo jkollu bżonn lista tal-bowsers li jkunu ser jgħaddu minn naħa ta' Palombo minnħba l-inġenji li jkunu qed jużaaw ta' Palombo stess. |
| 45.03.17 | Is-sindku ressaq imejl mir-Reġjun Port minn għand Francesca fejn qed tibgħat invit għall-kunsilliera għall attivita ta' Charles Clews, min ser jattendi jista jibgħat fuq l-imejl tas-Sinj. Francesca. |
| 45.03.18 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mal-arċipriet u l-għaqda tal-festa sabiex jidiskutu li ser issir Triq il-Vitorja minn Triq San Lawrenz sa san Filippu għalhekk aktarx irrid ikun hemm tibdil tar-rotta ta' minn fejn ser tgħaddi l-vara tal-Bambina. Iddiskutejna li Infrastructure Malta ser tibda minn San Filippu għall-Pjazza 4 ta Settembru u ser issir biċċa, biċċa u mhux kif xtaqu l-Enemalta li issri kollha f'daqqa sabiex ikun hemm cable wieħed u ma jkunx hemm ġonot, iżda peress li l-lokalita' tal-Isla, Triq il-Vitorja hija l-unika triq prinċipali ma hemmx alternattivi ta diverisions tat-traffikku u jinħoloq ħafna ostakli kemm għall ħwienet kif ukoll għat-trasport pubbliku. Is-Sindku u s-segretarju eżekuttiv iddiskutew ukoll ma l-arċipriet li ser tinqala ukoll Triq il-ħabs l-antik minn fejn tgħaddi l-Bambina, u mhux konfermat jekk tilħaqx titlesta sa Settembru għalhekk hemm bżonn li |

| | |
|---|---|
| | jidiskutu għal alternattiva minn fejn ser tgħaddi l-Bambina. Wara din id-diskussjoni l-arċipriet talab li l-kunsill jikkolabora sabiex issiru arbli fid-daħla tal-Isla u jibqgħu permanenti biex jitnaqqas mix-xogħol tal-armar tal-festa peress li l-voluntiera dejjem jonqsu. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-baġit ta' din is-sena huwa diġa konkluż għalhekk iressqu din it-talba lil kunsilliera biex jikonsidraw din t-talba għal-bagit tas-sena d-dieħla. |
| 45.03.19 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li għall-ewwel laqgħa fis-Serbia ġewwa Nis fit-3 ta' Ġunju 2022 għal-Proġett ta' Engage Connect Empower ser jitilgħu is-Sindku is-Sur Clive Pulis, is-Sinj Joeline Attard, is-Sur Malcolm Gatt, is-Sur Arthur Perici Project Manager u żagħzugħ Dylan Muscat. |
| 45.03.20 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv preżentaw ir-rapport tar-Renergy li dan mhux suffiċenti għalhekk għandu jingħata default. Il-Kunsilliera qablu unanimament. |
| 45.03.21 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-proġett tal-Milied mixi ġmielu u ser jiltaqa mal-kumpanija tal-karnival sabiex taħdem struttura tal-ħadid fejn ġejja fil-pjazza 4 ta' Settembru biex b'hekk il-volntiera tal-crafts li qed jattendu bi ħgarhom kull ġimgħa jkunu jistgħu ikomplu fuq dan il-proġett tal-Milied. |
| 45.03.22 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv, il-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar u l-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia iltaqgħu mas-Sur Charles illum 26 ta' Mejju 2022 fejn jixtieq japplika għal sejħa ta' kompetizzjoni ta' skema dwar il-monumenti. Jekk tintrebaħ din il-kompetizzjoni l-artist għandu f'moħħu li dan il-monument ser issir kif taqbeż l-għar tal-Madonna. Il-Perit jitqabbad mill-kunsill. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għalhekk is-segretarju eżekuttiv għandha tibgħat ittra ta' No Objection. |
| **45.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 45.5.1 | Ma kienx hemm |
| **45.6** | **Rapporti** |
| 45.6.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imjel rapporti tal-*Purchase Order* ta' April 2022 *u Petty Cash* għax-xahar t' Mejju 2022 fejn ġew approvati mill- kunsilliera Corinne Buhagiar u s-sekondati mil-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia. |

| | |
|---|---|
| **45.7** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 45.7.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 5/2022 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mis- sinj. Corinne Buhagiar u s-Sur Anthony Bonavia. |
| **45.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 45.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 28 ta' Ġunju 2022 fil-5:00p.m |

Konfermati, illum <u>28 ta' Ġunju 2022</u>

<u>IFFIRMATI</u>
Clive Pulis
Sindku

<u>IFFIRMATI</u>
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv